# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **12 TA' AWWISSU 2018**

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 11 ta' Awwissu 2018 fil-Knisja ta' San Franġisk, Birkirkara fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Festa ta' Santa Marija**

It-Tlieta 14 ta' Awwissu 2018 billi huwa lejliet Santa Marija filgħaxija jkollna l-quddiesa tas-6:30pm, fis-7:15pm Vġili u r-rakkont tar-Raqda tal-Verġni fil-Mulej u quddiesa fit-8:00pm.

L-Erbgħa 15 ta' Awwissu 2018 il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd u nfakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa.

**Quddiesa fit-9:00am**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Magħmudija Komunitarja**

Is-Sibt 18 ta' Awwissu 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Quddiesa u Adorazzjoni animata mill-*Comunità Abramo***

Is-Sibt 18 ta' Awwissu 2018 fit-8:00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara adorazzjoni sal-10:00pm animata mill-*Comunità Abramo* flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani.

**BBQ fuq is-simenta**

Is-Sibt 25 ta' Awwissu 2018 ser norganizzaw BBQ fuq is-simenta. Nibdew fit-8:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 67 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.